

## ATTI OĦRAJN

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2010/C 169/06)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 <sup>(1)</sup>. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

## DOKUMENT UNIKU

## IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

“ข้าวหอมมะลิทุ่งกุลาร้องไห้” (KHAO HOM MALI THUNG KULA RONG-HAI)

Nru KE: TH-PGI-0005-0729-20.11.2008

IĠP ( X ) DPO ( )

## 1. Isem:

“ข้าวหอมมะลิทุ่งกุลาร้องไห้” (Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai)

## 2. Stat membru jew pajjiż terz:

Ir-Renju tat-Tajlandja

## 3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:

## 3.1. Tip ta' prodott:

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew proċessati

## 3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1):

Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai huwa r-ross prodott fiż-żona ta' Thung Kula Rong-Hai, li tifrex fuq ħames provinċji fil-Grigal tat-Tajlandja. Jitkabbar mill-varjetajiet Khao Dawk Mali (KDML 105) u RD 15 u huwa ross fil-fosdqa sensittiv għad-dawl. Jista' jkun kannella jew abjad (ross mitħun).

Karatteristiċi fiżiċi

Il-qoxra tar-ross: safra kulur it-tiben.

Twila, irqiqa, trasparenti u tleqq.

Lixxa qisha ħarir.

Riħa tfuħ qisha werqa tal-pandanus.

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Karatteristiċi fiżiċi	Ross kannella	Ross abjad
Tul (mm)	> 7,0	> 7,0
Forma (Tul/Wisa')	> 3,2	> 3,2
Kulur	Kannella jagħti fl-isfar	Abjad

#### Karatteristiċi kimiċi

Kontenut ta' umdità	Mhux aktar minn 14 %
Kontaminanti	Mhux aktar minn 0,2 %
Hħub sofor	Mhux aktar minn 0,2 %
Taħlita ma' varjetajiet oħra ta' ross	Mhux aktar minn 8 %
Amylose (%)	14-16 %
Test tal-alkalin	6-7

Karatteristiċi kimiċi (valuri medji (± 5 %))	Ross kannella	Ross abjad
Proteini (%)	7,6	5,4
Vitamina B1 (mg/100g)	0,34	0,18
Vitamina B2 (mg/100g)	0,27	0,07
Vitamina B3 (mg/100g)	5,0	1,2
Hadid (ppm)	28	16

#### Karatteristiċi oħra

##### 1. Karatteristiċi tat-tisjir (valuri medji)

Ħin biex isir	15-20 min.
Proporzjon ross:ilma għat-tisjir	1:1 jew 1:1,25

##### 2. Riħa u togħma

Ir-ross misjur għandu riħa bħal tal-werqa tal-pandanus u jintiegħem bellusi, artab u kemmxejn ħelu. Jieħu kemmxejn it-togħma tal-kondimenti miżjuda meta jissajjar ma' ingredjenti oħra. Il-ħhub tar-ross KDML 105 u RD 15 maħsuda friski għandhom konsistenza lixxa u kremuża meta mgħollija.

##### 3.3. Materja prima (għall-prodotti proċessati biss):

Iż-żerriegħa tar-ross użata fil-produzzjoni tal-Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai għandha tiġi kkoltivata f'Thung Kula Rong-Hai.

Iż-żerriegħa trid tkun tan-nisel Khao Dawk Mali 105 (KDML 105) u Kor Khor jew RD 15 miksuba mid-Dipartiment tar-Ross jew mingħand il-produtturi tal-ħhub tar-ross, jiġifieri organizzazzjonijiet tal-bdiewa jew organizzazzjonijiet privati ċċertifikati mid-Dipartiment tar-Ross abbażi tal-istandards tal-produzzjoni tal-ħhub tar-ross.

##### 3.4. Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-animali biss):

—

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika identifikata:*

Iċ-ċiklu kollu tal-produzzjoni jrid iseħħ fiż-żona ġeografika definita biex ikun żgurat li saret fil-kundizzjonijiet ġeomorfoloġiċi speċifiċi ta' dik iż-żona. Ovvjament, minħabba dawn il-kundizzjonijiet ta' tkabbir, iċ-ċiklu bijoloġiku kollu sal-mument tal-ħsad isir fl-istess post, jiġifieri fejn ir-ross ikun inżera' oriġinarjament. Il-ħsad huwa rregolat minn regoli speċjali li jkopru d-dati, l-istadji fonoloġiċi u l-umdità tal-ħbub ħalli jkunu ggarantiti l-iġjene u s-sikurezza tal-prodott u t-traċċibbiltà sħiħa tar-ross sar-reġjun tal-oriġini kif ukoll, f'ħafna każijiet, sal-bidwi oriġinali. Iż-żona ġeografika fejn isir l-ipproċessar u l-ippakkjar hija l-istess bħaż-żona tal-produzzjoni minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-thakkik, l-ippakkjar, eċc.:*

Il-Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai jrid jiġi ppakkjat fiż-żona fejn jiġi prodott. Dan biex il-konsumaturi jingħataw garanzija dwar l-oriġini u l-kwalità tar-ross. L-ippakkjar mill-ġdid mhux permess ħalli tiġi evitata kwalunkwe kontaminazzjoni possibbli tal-prodott.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

Il-pakketti jridu jkunu ttikkettati bil-piż, id-data tal-ippakkjar, l-isem tal-mitħna jew l-isem tal-kooperattiva.

Kull pakkett irid ikollu l-kliem “ข้าวหอมมะลิทุ่งกุลาร้องไห้” u/jew “Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai”.

Il-logo tat-Thai GI flimkien mal-logo tal-UE (wara r-reġistrazzjoni Ewropea) huma mandatorji wkoll.



4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Iż-żona ġeografika fejn iseħħu l-operazzjonijiet kollha (żrigħ, kultivazzjoni, ħsad, tħin, ippakkjar u tikkettar) hija magħmula minn Roi-et, Mahasarakam, Surin, Yasothon u Srisaket.

Minħabba l-kundizzjonijiet speċifiċi meħtieġa tat-temp u l-ħamrija, iż-żona tal-kultivazzjoni tinsab fi:

- Il-provinċja ta' Roi Et li fiha 986 807 rai (6,25 rai = ettaru wieħed (1)) ta' art b'tambons (unitajiet amministrattivi Tajlandiżi) fil-Pjanura ta' Thung Kula Rong-Hai fid-distretti ta' Kaset Wisai, Suwanabhumi, Pratumrat u Phonsai u fis-subdistrett ta' Nong Hee.
- Il-provinċja ta' Surin tikkonsisti f'575 993 rai ta' art b'tambons fil-Pjanura ta' Thung Kula Rong-Hai fid-distretti ta' Ta Tum u Chumpol Buri.
- Il-provinċja ta' Sisaket tikkonsisti f'287 000 rai ta' art b'tambons tal-Pjanura ta' Thung Kula Rong-Hai Plain fid-distrett ta' Rasi Salai u fis-subdistrett ta' Silalat.

- Il-provinċja ta' Maharakham tikkonsisti f'193 890 rai ta' art b'tambons fil-Pjanura ta' Thung Kula Rong-Hai fid-distrett ta' Phayakaphum Pisai.
- Il-provinċja ta' Yasothon tikkonsisti f'64 000 rai ta' art b'tambons fil-Pjanura ta' Kula Rong-Hai fid-distretti ta' Maha Chaichana u Kor Wang.

## 5. Rabta maż-żona ġeografika:

### 5.1. Speċifità taż-żona ġeografika:

Il-Pjanura ta' Thung Kula Rong-Hai hija pjanura kbira fil-Grigal tat-Tajlanda u testendi tul ħames provinċji li huma Roi Et, Maharakham, Surin, Yasothon u Srisaket. Fiha total ta' 2 107 690 rai u qabel kienet tissejjaħ Thung Mah Long jew Thung Pu Pa Lan.

Il-fatturi naturali u umani għandhom rwol integrali fil-produzzjoni u partikolarment il-koltivazzjoni tar-ross Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai. Anki l-għarfien tal-bniedem għandu rwol fil-produzzjoni ta' dan ir-ross, mill-għażla taż-żerriegħa sal-metodi ta' koltivazzjoni adattati, il-kostruzzjoni tad-digi u t-tqassim tal-għelieqi tar-ross f'taqsimiet li jżommu biżżejjed ilma biex jikber ir-ross. L-ilma jibattal mill-għelieqi madwar għaxart (10) ijiem qabel il-ħsad, meta r-ross li jkun kiber jinqata' u jtinixxef għal jumejn jew tlett ijiem ħalli tonqoslu l-umdità. Dawn huma l-fatturi naturali u l-għarfien lokali li jiddeterminaw il-kwalità tal-Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai.

### 5.2. Speċifità tal-prodott:

Il-Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai jirreferi għar-ross fil-fosdqa, kannella u mitħun ipproċessat mill-varjetajiet ta' ross Khao Dawk Mali 105 u Kor Khor jew RD 15 li huma sensitivi għad-dawl u mkabbla fl-istaġun tax-xita fit-Tajlandja fiż-żona ta' Thung Kula Rong-Hai u li għandu riħa naturali.

L-uniku ross eleġibbli huwa l-varjetà msemmija hawn fuq miż-żona ġeografika definita, peress li dawn il-kundizzjonijiet biss jipproduċu ross b'kontenut baxx ta' amylose (14-16 %) u b'kontenut ta' amylopectin ta' 86-84 %. Dan jippermetti li r-ross jassorbi proporzjon żgħir mill-ilma li jissajjar fih u jerħi t-toġhmiet. Dawn il-karatteristiċi eċċellenti huma possibbli biss fil-kundizzjonijiet ġeomorfoloġiċi uniċi tal-parti tal-Grigal tat-Tajlandja (it-tip ta' hamirija, il-kwalità tal-ilma użat, is-siġhat ta' xemx, temperaturi li f'it ivarjaw, klima friska u zotta matul l-istaġun tal-ħsad, eċċ.).

### 5.3. Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):

It-"Thung Kula Rong-Hai" huwa dderivat mil-leġġendarji "negozzanti Kula". Skont il-leġġenda, minħabba t-temp xott tal-istaġun niexef, grupp ta' nies lokali msejja Kula u li kienu negozjanti vjaġġaw tul din il-pjanura kbira sabiex ibigħu l-affarijiet tagħhom. Ivvjaġġaw sakemm ma kienu fadlilhom enerġija, iżda xorta ma rnexxilhomx jilhq u n-naħa l-oħra. F'dan il-punt ħassewhom iridu jibku ("Rong-Hai" bit-Tajlandiż), għalhekk l-isem "Thung Kula Rong-Hai" ("il-pjanura tal-Kula jibku").

Il-kultivazzjoni tar-ross Hom Mali f'Thung Kula Rong-Hai beda wara li l-gvern tejjeb il-varjetà tar-ross Hom Mali u fl-1959 ċertifikah u semmih "Khao Dawk Mali 105". Il-kultivazzjoni xterdet aktar fl-1979 meta l-proġett tal-iskambju taż-żerriegħa tar-ross ħajjar it-tkabbir tar-ross glutinuż fiż-żona ta' Thung Kula Rong-Hai. Il-bdiewa ngħataw parir biex jibdlu ż-żerriegħa l-għdida tar-ross kull tliet snin ħalli jżommu l-purità taż-żerriegħa.

Minħabba li l-għelieqi tar-ross kienu jiddependu fuq l-ilma tax-xita, il-kultivazzjoni kienet tista' ssir biss darba fis-sena. Il-ħsad isir fl-istaġun il-kiesaħ meta t-temp ikun kiesaħ u niexef (wara li jintemm l-istaġun tax-xita). Skont l-għarfien lokali, għalqa tar-ross mġarrqa jkollha bżonn titbattal bejn għaxart (10) ijiem u 15-il jum qabel il-ħsad sabiex jinkiseb ross bi ħbub ta' kwalità fiżika tajba, twal, irqaq, ċari u robusti. Ir-ross imsajjar għandu jkun artab u jfuħ. Din il-prattika flimkien ma' Prattika Agrikola Tajba (GAP), tagħti lill-Khao Hom Mali Thung Kula Rong-Hai l-kwalità unika tiegħu, differenti mir-ross Hom Mali mkabbar f'żoni oħra u rrikonoxxut min-negozzanti u l-konsumaturi kemm fil-pajjiż tal-produzzjoni kif ukoll internazzjonalment.

Il-ħamrija kemmxejn mielħa tan-naħa ta' fuq tat-Tajlandja, il-frisk taż-żona u l-fatt li hija xotta, il-varjetajiet speċifiċi tar-ross (KDML 105 u RD 15) użati, il-klima u n-nutrijenti tal-ħamrija jikkawżaw stress fl-għelieqi tar-ross u jipproduċu s-sustanza aromatika 2-acetyl-1-pyrroline (2-A-1-P), l-istess sustanza li tipproduċi r-riħa fil-weraq tal-pandanus. Dan huwa r-rigal mirakoluż tan-natura lill-Hom Mali Thung Kula Rong Hai.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

---